**Reazzjoni għal Ċensiment**

X'għandha tkun ir-reazzjoni tagħna, il-poplu t'Alla, għaċ-ċensiment dwar kemm imorru Maltin quddies nhar ta' Ħadd? Naħseb li rridu nħarsu lejn iċ-ċifri b'mod raġjonevoli, plakat, u oġġettiv. Hemm żewġ estremi li rridu naħarbu: li noħolqu paniku, qisha waslet l-aħħar tad-dinja, jew inkella li nagħtu l-impressjoni li kollox sew, u m'hemmx fiex tinkwieta.

Kont qed naqra li fil-Bavarja, l-iktar stat kattoliku fil-Ġermanja, ir-reġjun li fih twieled Papa Benedittu, u li żar m'ilux, mill-1979 lil hawn iċ-ċifra ta' dawk li jmorru il-quddies nhar ta' Ħadd, nizlet minn 30% għal 15%. Jiġifieri ċ-ċifra tagħna għadha ogħla minn kemm kienet fil-Bavarja tletin sena ilu. U nista' nkompli sejjer hekk, pajjiż b'pajjiż, fl-Ewropa. Minn naħa l-oħra l-aderenti għall-fidi Kattolika qed jiżdiedu bis-saħħa fl-Afrika u l-Asja. X'ifisser dan?

Ifisser li jista' jkun li maż-żmien, għalkemm l-Ewropa tibqa' il-kontintent fejn żviluppa l-iktar il-ħsieb nisrani, u ngħata bidu għall-filosofija u morali Kattolika iċ-ċentru ta' ħidma u saħħa numerika jistgħu jispostaw ruhom lejn kontinenti oħra…..dejjem maż-żmien.

Iżda dawn l-argumenti hekk imsejħa "ta' konsolazzjoni" m'għandhom qatt ibegħduna mill-pjan li rridu nagħmlu f'moħħna u qalbna għall-futur. Gwaj għalina wkoll jekk noqogħdu inwaqqfu wisq kummissjonijiet, 'study groups' "task forces" u gruppi b'titoli għoljin, li jfissru lkoll l-istess ħaġa.

Nsemmi wkoll żewġ fatturi oħra. **L-ewwel** - ma hemmx dubju li s-sekularisazzjoni tas-soċjeta' tagħna ġabet magħha tant distrazzjonijiet illi nħolqot ċerta apatija morali, u iktar u iktar apatija – iktar milli reżistenza- għall-preċetti u regoli ta' min, għax mgħammed, suppost li josserva. Il-quddiesa hija ċ-ċentru u parti importanti mill-ħajja tan-nisrani. Li titlob ma ħaddieħor u mhux waħdek, li tingħaqad f'ġemgħa taħt saqaf wieħed jenfasiżża l-ispirtu ta' komunita' li hija importanti fil-ħajja nisranija. Li tgħid "jiena nisrani, pero' noqgħod id-dar" – sakem m'intix marid – huwa negazzjoni ta' dan is-sens komunitarju.

Għalhekk l-aktar fost iż-żagħżagħ irridu nagħmlu l-quddiesa – kif qal l-Isqof t'Għawdex Mons Grech – festa, ċelebrazzjoni u mhux biss rit. Jista' jsir ħafna. Iktar parteċipazzjoni, kant b'sens, tħejjija aħjar: kampanja publiċitarja: ħolqien ta' gruppi żgħar illi jduru d-djar, bħalma il-politiċi jduru għall-voti!

**It-tieni** - n-nuqqas ta' attendenza għall-quddies fost ħafna ma tfissirx reżistenza għall-fidi, iżda pjuttost apatija: dawn l-istess nies jiddeskrivu lilhom nfushom bħala insara, iħarsu lejn il-ħajja b'lenti nisranija. Għaliex l-agħar ħaġa li nistgħu nagħmlu hi li norganiżżaw kruċjata aggressiva, li tgerrex lin-nies li l-fidi tagħhom hija rieqda iżda mhux mejta. Iktar milli nagħaġ mitlufa, dawn huma persuni li

ħadd ma jispjegalhom l-isbuħija tal-quddiesa, jew spjegawlhom meta kienu żgħar, u mbagħad xejn aktar.

Iżda m'hemmx dubju li s-saħħa tal-ħsieb, kultura, "attitudni" nisranija hija ħafna iktar miċ-ċifra ta' dawk li jmorru l-quddies nhar ta' Ħadd, anki jekk din hi l-ogħla ċifra fl-Ewropa. Li irridu hi li r-reliġjon ma tiżviluppax biss f'xi ħaġa intelletwali, kif inhuma dawk li jiddeskrivu ruhom b'mod ġenerali bħala insara, **iżda xejn iżjed**. Hawn fejn il-quddiesa hija importanti – anki bħala turija ta' solidarjeta' f'komunita. Forsi il-quddiesa fl-ibliet u irħula tagħna saret wisq rit. Għandha tkun 'ġemgħa' u mhux "rappresentazzjoni" , qisna morna għat-teatru; forsi nistgħu nneħħu ftit mill-pompa, u inżidu dan l-element ta' ġemgħa. Kemm nieħu ġost meta ċelebrant jagħti każ ta' din il-ġemgħa, jgħidilha 'bongu', itella' t-tfal ħdejh, iħeġġeġ it-talb għal xi ħtieġa jew problema partikolari, jagħti l-awguri lill-istudenti fi żmien l-eżamijiet eċċ…

Le, m'għandniex naqtgħu qalbna. Għandna nitolbu….u naħdmu,